# KUNSILL LOKALI MQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, MQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

WEB SITE: www.mqabba.gov.mt

Minuti tas-seduta numru wieħed u erbgħin (41) tal-Kunsill Lokali Mqabba (KLM), li nżammet nhar il-11 ta' Jannar, 2010 fis-7:00pm, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Charles Farrugia | Deputat Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

1. **Is-seduta bdiet nofs siegħa** tard milli kien skedat peress li ma kienx għad hawn kworum.

2. Is-**sindku ppresjeda l-laqgħa** u qal it-talba u s-**segretarju eżekuttiv qara l-minuti**. Dawn sarulhom il-korrezzjonijiet li pproponew u approvaw l-istess kunsillieri u ġew iffirmati mis-sindku u s-segretarju eżekuttiv.

3. Dwar il-***Coffee Morning*** li oriġinalment kien propost għal żmien il-Milied, ġie deċiż li ġaladarba s'issa ma sarx, għandu għalhekk ikun propost aktar tard u mhux bil-fors għandu jkun organizzat fil-lukanda Plaza.

4. Dwar il-proposti tal-***Public Private Partnership*** (***PPP***) li qed jissemma bħala waħda mis-suġġetti tar-riforma tal-Kunsilli Lokali, is-sindku qal li l-KLM mhux se jidħol f'dan l-ambitu għax il-proġett tal-Imqabba huwa wieħed pilota fil-qasam tal-**investiment tat-toroq tar-raħal**. Ovvjament, il-prinċipju tal-***PPP*** li qed ikun deskritt, fejn ir-risponsabiltà li tiġi mantenuta t-triq, se tkun tal-kuntrattur, għal numru ta' snin wara li din tinkesa. Fil-każ tagħna s-sindku qal li se ningħataw €200,000 għal toroq li huma fir-responsabbiltà tagħna u €70,000 għal dawk il-ġodda li huma preżentement fir-responsabbiltà tal-ADT (il-Gvern Ċentrali). Fil-każ ta' Triq Ħal Kirkop li preżentement qed tinkesa' parti minnha mill-Gvern Ċentrali, se jitnaqqas l-ammont li konna se nkunu allokati għaliha, bħala Kunsill Lokali Mqabba. F'dan il-punt intqal li Triq l-Imqabba (dik li miż-Żurrieq tieħdok lejn ir-raħal tagħna via iċ-ċimiterju tal-Ars) mhux se ssir mill-ADT, bħal Triq Ħal Kirkop, qabel ma jibdew ix-xogħlijiet ta' Triq Valletta, Żurrieq.

5. Intant is-sindku qal li għandu **laqgħa mal-uffiċċjal tal-ADT**, Ms Graziella Galea li se tiġi għada ġewwa r-raħal tagħna, fejn hu ttamat li l-Gvern Ċentrali jwettaq *extensive patching* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija u Triq Valletta. Laqgħa oħra li għandu s-sindku għada hija **ma' Ms Christine Mercieca**, l-uffiċjal inkarigat mir-relazzjonijiet pubbliċi fl-uffiċċju tal-ET il-President ta' Malta. Din se tkun laqgħa ta' tħejjija għaż-żjara tal-ET il-President u s-Sinjura tiegħu aktar tard dan ix-xahar.

6. Dwar l-attività **L-Imqabba mal-Medda taż-Żmien 2009** is-segretarju eżekuttiv kien mitlub jipprovdi **skeda tal-ispejjeż** kollha li saru f'Ottubru, 2009. Dak il-ħin stess din kienet impoġġija fuq il-mejda tal-kamra u dwar l-attività intqal li se nkunu qbiżna l-ispejjeż aktar minn dak li se jkun mgħoddi lilna f'refużjonijiet b'€5,000, meta qed nistennew ukoll kont ta' madwar €2,000 tal-bini tas-sett mingħand is-Sur Frankie Grech.

7. Is-sindku u l-Kunsillier Paul Spiteri, f'isem il-KLM irrappreżentaw lill-Imqabba fiż-**żjara** li għamlu lil dawk rikoverati ġewwa r-residenza **San Vincenz de Paule** f'Ħal Luqa, kif ukoll l-istess sindku, l-Kunsillier Grace Marie Mallia u s-segretarju eżekuttiv attendew għaż-żjara li saret fil-**Faċilità Korrettiva ta' Kordin** meta marru jżuru lill-dawk Imqabbin. Il-KLM

irringrazzja lil Charles Farrugia talli pprovda l-vettura antika li minnha l-*Father Christmas* deher iqassam ir-rigali lit-tfal l-Imqabbin f'dan il-perjodu tal-Milied.

8. Qed nistennew ukoll li jagħlaq iż-żmien tas-sottomissjonijiet sabiex dawk li qraw l-aħħar ħarġa tal-fuljett tal-kunsill u kienu interessati li jikkompetu fil-**Konkors Mudell *Token* Ġieh l-Imqabba**, jkunu jistgħu jagħmlu dan.

9. Dwar il-proposta ta' **uffiċċju tal-*customer care*** tal-kunsill fis-sular ta' isfel, Noel Galea qal li jibqa' l-problema tal-*lift*. Dwar dan huwa kien iltaqa' mas-Sur Joe Camilleri, il-President tal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità diversi ġimgħat ilu u spjegalu li l-KLM għandu nuqqas ta' fondi biex jinvesti ħalli jagħmel *lift*. Barra minn hekk il-bini amministrattiv tal-KLM ma jiflaħx għal *lift* kwalunkwe, għaliex trid tinbena struttura barranija. Din l-istruttura ma tistax tkun fissa minħabba li l-binja hija skedata għall-importanza storika tagħha. Is-sindku żied jgħid li nhar l-20 ta' Jannar, 2010, l-applikazzjoni tagħna ser tidher quddiem il-bord tal-*MEPA*.

10. Dwar il-**permessi** li joħorġu mill-KLM biex il-pubbliku jkun jista' jarma *cranes*, ipoġġi *skips* eċċ, se nippruvaw noħorġuhom fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa biex nibqgħu konformi mal-liġi. Dan tal-inqas għandu jsir fejn ikunu ħarġu permessi ta' dik ix-xorta fl-istess post aktar qabel u għalhekk ma jkunx se jinħoloq l-ebda inkonvenjent.

11. Hekk kif ikun verifikat ma' ***Agius Stone Works*** li dawn tħallsu tar-**restawr** li għamlu fuq l-istatwa ta' San Ġużepp fi Triq Valletta, se nkunu nistgħu inressqu t-talba għar-restawr fuq l-istatwa ta' San Mikiel fi Triq id-Duluri.

12. Il-KLM iddeċieda li jwaħħal pjanċa tal-*istainless steel* bl-*engraving* fuq il-ħaġra kommomerattiva li hemm il-ħsieb li titpoġġa fl-Isptar il-Qadim biex tfakkar lil dawk li ħadu l-**Ġieh l-Imqabba** matul is-snin billi jibqgħu imfakkra l-ismijiet tal-persuni li jkunu ħadu Ġieh l-Imqabba. Din il-proposta li kienet imressqa mill-Viċi Sindku intgħoġbot u permezz ta' dan it-tibdil, wieħed se jkun jista' kull sena jaqla' l-istess pjanċa u jnaqqaxha bl-isem tal-persuna/i li jkunu dik is-sena ħadu dan l-unur.

13. Minkejja li Grace Marie Mallia qalet li l-**Viċi Sindku, Charles Farrugia, falla erba' laqgħat konsekuttivi**, is-sindku qal li l-assenza minn naħa tiegħu hija ġustifikata għaliex Charles Farrugia għandu xogħol ta' responsabbilità kbira. Hu qal li fuq kollox dan għandu 'l bogħod minn fejn joqgħod preżentement u għalhekk l-assenza tiegħu hija ġustifikata għaliex kien informa lis-sindku.

14. Bi preparazzjoni għall-ħruġ tal-**offerta tal-pannelli fotovoltaiċi,** is-sindku qal li l-KLM kellu joħroġ sejħa għall-kwotazzjonijiet (mingħajr ma kienet deċiża fil-kunsill) biex dawk interessati jkunu jistgħu jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom ħalli nistabbilixxu min se jkun l-*Engineer* kwalifikat li se jidħol responsabbli mill-ħruġ tal-offerta. Dan biex il-fornituri jkunu jistgħu jikkompetu għall-forniment u l-istallazzjoni tal-pannelli fotovoltaiċi fuq il-bejt tal-latrina pubblika fi Triq in-Nazzarenu. Għal dan, Charles Farrugia qal li hu jippreferi li din titwaħħal fuq is-saqaf tal-Isptar il-Qadim u jaċċerta ruħu b'post aktar sigur. Dan għaliex jekk din titpoġġa fuq bejt tal-latrina b'sular wieħed, tkun tista' tintlaħaq mit-triq; ġaladarba se ninvestu f'mijiet ta' ewros. Hu offra wkoll li jagħti lill-kunsill s-servizz ta' *Engineer* mingħajr obbligazzjonijiet. Għaldaqstant l-istima tal-*Enginier* biex jieħu ħsieb dan kollu, li nfetħet propju f'din is-seduta, ġiet miċħuda mill-kunsillieri u s-segretarju eżekuttiv se jinforma b'dan kollu lil dawk li tefgħu il-*bid* tagħhom: Ing Mark A Guillaumier u Ing Jonathan Scerri, *Econing Engineering Consultancy Ltd*. Se nitolbu permess biex is-sit jinbidel u minflok din il-pannella titwaħħal fil-ġnien, titwaħħal fuq il-bejt tal-Isptar il-Qadim. It-*Terms of Reference* tal-offerta pubblika se jgħaddu għand Charles Farrugia.

15. Il-KLM għażel l-istima unika li sab il-lejla fil-kaxxa tal-offerti, jiġifieri dik ta' *Kargo Aluminium* biex tinħadem l-**għamara tal-uffiċċju** li ppropona s-sindku stess għall-uffiċċju tal-*Customer Care*. Is-sindku qal li l-affarijiet jinħtieġ li nħaffuhom u magħha għandna nitolbu stima lil *Kargo Aluminium* biex nirrendu l-uffiċċju aċċessibbli, billi ssir rampa tal-injam fuq barra li inċidentalment l-ebda fornitur ma tefa' il-*bid* tiegħu fl-istess kaxxa tal-kwotazzjonijiet, skond kif kienu ppublikati mis-segretarju eżekuttiv, fil-*Malta Independent* u kif issa aħna marbutin bil-liġi li nagħmlu.

16. Il-KLM iddeċieda li jagħżel il-proposta tal-***Greenpak*** biex jagħmel il-qabża li hemm bżonn ħalli r-residenti tagħna jisseparaw aktar skart. Dan il-kuntratt qabel ma niffirmawh se niċċirkulawh permezz ta' *e-mail* lill-kunsillieri. Kien hemm qbil mill-kunsillieri illi npoġġu *bins* tas-separazzjoni f'Misraħ il-Fidwa u fuq kollox li din il-kumpanija tibda tbattal ukoll l-iskart tal-*bring-in-site* li hemm quddiem iċ-ċimiterju. Għaldaqstant se jkun iffirmat kuntratt ieħor mal-*WasteServ Malta Ltd* li hija l-awtorità f'dan il-qasam f'dak li għandu x'jaqsam l-iskart u li preżentement qed tmantni u titħallas talli tbattal dawn il-*bins.*

17. Dwar it-talba għal-***loan* tal-KLM,** Nicholas Briffa qal li jekk inhu possibbli, l-Gvern Ċentrali għandu javvanzalna l-flus minn qabel u b'hekk inkunu nistgħu nifthu *Term Deposit Account*. Il-vantaġġ ta' dan kollu jkun, li sakemm jiġi biex jitħallas il-kuntrattur, il-KLM jkun iggwadanja minn interessi bankarji. Barra minn hekk il-KLM għandu jikkunsidra li ma jissellef l-ebda fondi (oriġinalment it-talba kienet fuq perjodu twil) billi jiftiehem mal-kuntrattur biex dan jitħallas aktar tard li jkun sar ix-xogħol. Nicholas Briffa qal li lest iressaq mozzjoni li tispjega dan kollu filwaqt li l-KLM jibqa' jinsisti għall-għotja mill-Gvern Ċentrali ta' €270,000 li semma s-sindku biex isiru id-29 triq.

18. Il-Kunsill Lokali Mqabba qabel li l-ammont tat-talba għal **self ta' fondi** biex isiru t-toroq minn €445,000 għal €300,000, għaliex il-kumplament se jagħtihomlna l-Gvern Ċentrali.

19. Il-KLM se jżomm il-**laqgħa li jmiss** nhar is-26 ta' Jannar 2010, fis-6.30pm.

20. Kien deċiż li l-Kunsill Lokali Mqabba jiltaqa' nhar it-28 ta' Jannar, 2010 mal-**Kumitat tas-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju** u fl-4 ta' Frar, 2010 mal-**Kumitat Ċentrali tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V** fis-7:00pm fil-Bini Amministrattiv. Minkejja li għad trid titħejja l-aġenda, d-diskussjoni se tkun dwar il-festi 2010.

21. Is-segretarju eżekuttiv ippreżenta d-*draft* li għamel tar-rapport finali li jrid jasal fl-uffiċċju tal-EUPU dwar il-***Youth in Action Programme***, li minnu diġà ibbenefikajna għall-fondi ewropej. Dan it-tieni rapport se jservi biex ningħataw il-kumplament li kien ġie mwiegħed. Għaldaqstant huwa stieden lill-kunsillieri jiffirmaw fuq wara ta' dan ir-rapport. Madankollu kien deċiż li dan ikun iffirmat mis-Sinjuri Marvin Sciberras, Jeremy Mercieca, Anthea Sacco, Sarah Farrugia, Davinia Camilleri, Maria Psaila Ghigo u Chrystal Bugeja. Dawn huma ż-żgħażagħ li f'isimhom kienet imtliet l-applikazzjoni oriġinali.

22. Fil-jiem li għaddew kien hemm insistenza min-naħa tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex nagħtu rendikont iffirmat minn *Accountant* tal-kotba attwali tal-Kunsill biex ikun jista' jiġi kkunsidrat mill-Ministeru tal-Finanzi, jekk għandux jingħata l-*loan* lill-KLM. Għaldaqstant is-segretarju eżekuttiv għadda kopja tal-qagħada attwali tal-KLM lill-kunsillieri permezz ta' *e-mail* billi kienu ċirkulati it-***Trial Balance,* il-*Profit and Loss Account* u l-*Balance Sheet.*** Minkejja li għad irid jiġi stabbilit jekk daħlitx it-tielet (u fil-każ ta' din is-sena unika) l-aħħar *tranche* tal-allokazzjoni finanzjarja tal-KLM, is-sindku qal li se jqabbad *accountant* mir-raħal biex jiffirma dawn ir-rapporti ħalli nkunu nistgħu nibgħatuhom. Sadanittant is-segretarju eżekuttiv kien imqabbad joħroġ il-figuri tal-*accruals* u l-kontijiet li għad fadal jidħlu biex l-istampa tkun aktar waħda realistika peress li l-*accounting* mhux *on cash basis* iżda *on accrual basis.*

23. Wara l-laqgħa li kellhom il-viċi sindku u s-segretarju eżekuttiv mas-Sur Angelito Sciberras dwar l-iskema li applika għaliha l-kunsill biex jiftaħ aktar opportunitajiet bl-isports, is-segretarju eżekuttiv kien imqabbad biex ir-rapport oriġinali jkun orjentat għal dixxiplini varji ta' l-isport fi programmi bħal ***Multi Disciplinary Sport, Girls On The Move*** **u l-*After Schools Programme***. Dan ir-rapport irid jgħaddi lill-Kunsill Malti għall-Isports fi żmien ġimgħa.

24. Issemma l-bżonn li jkun hemm **żabra tal-*hedge*** fil-ġnien f'Misraħ il-Missjoni iż-Żgħira, fejn il-Kazin tal-Futbol. Din tant kemm kibret, qed toħloq periklu għar-residenti li joqogħdu hemmhekk stess peress li dawn qed jibżgħu li jistaħba xi ħadd warajha. Il-kunsillieri qalu wkoll li anke dik ta' Misraħ il-Fidwa, għandha bżonn ta' dawra ħalli tidher aktar unita.

25. Kienu approvati l-***Payment Approval Sheets 364*** **u** ***365.*** Fl-aħħar waħda l-ammonti ta' €50 lil kull impjegat irid ikun rifondibbli jekk għal xi raġuni jittermina l-impjieg tiegħu. Din il-miżura qed tittieħed għaliex fin-nuqqas li jkun hemm bqija (kull darba li jiġu depożitati l-fondi l-bank), l-impjegati kienu jduru għall-flus tal-*petty cash* biex jaqdu lil dak li jkun ġie jħallas, fil-konfront li issa ilna sentejn li daħlet l-ewro u l-ammonti ta' ċitazzjonijiet u l-permessi, qatt ma ġew irrawndjati mill-awtoritajiet.

26. Il-**laqgħa ntemmet** fl-9:40pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*01 /02 /2010 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |